# Rapport Ġenerali
# Il-Karti tal-Eżamijiet tal-Ewwel Sena

**L-eżami għandu jkun possibbiltà biex jimmotiva lill-istudenti. Għaldaqstant it-tfassil tiegħu jrid isir bir-reqqa.**

It-tfassil tal-karta tal-eżami huwa proċess li jitlob ħsieb, ippjanar u metikolożità kbira. F'moħħna rridu nżommu lill-istudenti u dak li rridu minnhom. Il-karta tal-eżami m'għandhiex tkun biss eżerċizzju li minnu nisiltu marka imma eżerċizzju li jagħti l-ispazju lill-istudenti sabiex juru x'jafu u aħna l-għalliema flimkien magħhom inkunu nistgħu nikkonfermaw intlaħqux l-għanijiet tat-tagħlim.

Meta ngħidu tagħlim żgur li ma nkunux qed nirreferu għat-tagħlim ta' bl-amment. Dan mhuwiex tagħlim. Għaldaqstant fl-eżami, kemm jista' jkun għandna nevitaw mistoqsijiet li jitolbu l-ħila tal-memorja. Irridu nibbażaw l-eżami fuq ħiliet u abbiltajiet. L-istudenti jridu juru li kapaċi jiktbu, jaħsbu, jesprimu ruħhom u li ħakmu l-kontenut li sar matul is-sena. Għaldaqstant il-karta tal-eżami trid tassessja dak li sar matul is-sena biex inkunu nafu jekk intlaħqux ir-riżultati fil-mira (learning outcomes).

Il-karta tal-eżami trid tkun gradata, b'livelli differenti. Biex niżguraw dan irridu nużaw tabella ta' speċifikazzjoni fejn inniżżlu l-mistoqsijiet kollha li qed ninkludu fil-karta u neżaminaw kull mistoqsija u naraw il-livell konjittiv tagħha. Qed nirreferu għall-klassifikazzjoni ta' Bloom. Il-ħila tal-memorja huwa l-iżjed livell baxx.



Il-punti li ġejjin huma bbażati fuq l-osservazzjonijiet li għamilna tal-karti kollha li rajna. Kull skola għandha l-awtonomija fit-tqassim tal-karta. Madankollu nħossu li hemm ċerti karatteristiċi li jistgħu jiġu osservati.

## Fl-Ewwel Sena tingħata karta waħda

Il-maġġoranza tal-iskejjel, fl-Ewwel Sena, jagħtu karta waħda. Aħna naqblu ma' din il-prassi. Fl-ewwel sentejn m'hemmx għalfejn jingħataw żewġ karti. Min jagħmel dan ikun qed iqiegħed lilu nnifsu taħt pressjoni biex jimla ż-żewġ karti tant li jista' jispiċċa jirrepeti fl-ammont ta' mistoqsijiet fuq topik partikolari.

Pereżempju, għaliex nagħtu 10 mistoqsijiet fuq il-Mamma u l-Għerq meta nistgħu nagħtu tnejn u l-istudent juri biċ-ċar li jaf x'inhuma u kif jagħtihom? Jew, kif se timla 100 marka fuq karta tal-eżami tal-letteratura? Hemm ir-riskju li nagħtu mistoqsijiet ibbażati fuq il-memorja biex nimlew il-karta. Mistoqsijiet li jitolbu lill-istudent biex juri li jaf is-sekwenza tal-istorja, il-plott. Min hu l-awtur eċċ ... Dan m'għandux ikun ladarba l-għan tat-tagħlim tal-letteratura huwa l-apprezzament tax-xogħol letterarju.

## Kliem bħal "morfoloġija", "lessiku" u "analiżi testwali"

Fir-rapport tas-sena l-oħra dwar il-karti tat-Tieni Sena ktibna biex ma nużawx kliem tqil li fil-klassi ma nużawhx u żgur li mhuwiex adattat għall-istudenti tal-Ewwel u t-Tieni Sena.

Ser nerġgħu nirrepetu l-istess suġġeriment. M'għandniex għal xiex nużaw dan il-kliem u nissuġġerixxu biex ma nibqgħux nikkupjaw karti mudelli minn xi ktieb jew ieħor.

## L-ortografija

Fir-rapporti l-oħra li ktibna dwar il-karti tal-eżamijiet tas-snin l-oħra dejjem ħeġġiġna lill-għalliema biex jiżguraw li jiktbu b'Malti aġġornat skont id-Deċiżjonijiet. Sfortunatament għadna nsibu ineżattezzi. Għandu jsir qari tal-provi tal-karta u idealment dan isir mhux biss mill-persuna li tkun fasslet il-karta tal-eżami imma minn għalliem ieħor.

## Il-komponiment għandu jitqiegħed fl-ewwel taqsima

Se nikkwotaw dak li ktibna fir-rapport dwar il-karti tat-Tieni Sena għax jgħodd għall-karti tal-Ewwel Sena wkoll.

*"Fil-biċċa l-kbira tal-karti l-komponiment iġorr l-akbar ammont ta' marki. Għaldaqstant ikun xieraq li jitqiegħed bħala l-ewwel taħriġ. Sibna karti li jqiegħdu l-kitba tal-komponiment fl-aħħar nett tal-karta. Veru li l-istudenti jistgħu jdawru l-paġni u jagħżlu huma stess minn rajhom biex l-ewwel taħriġ li jagħmlu jkun il-komponiment. Imma jekk jitqiegħed fl-aħħar hemm il-possibbiltà li dan jinkiteb fl-aħħar. L-istudent ikun aktar frisk fil-bidu u għandu jagħti ħin xieraq lill-kitba. Jista' jkun li jkun hemm min ibati bl-eċċitament fil-bidu u jħossu komdu jikteb il-komponiment fl-aħħar. Mhux kulħadd huwa l-istess. Imma ladarba l-komponiment iġorr ħafna marki, aħna nissuġġerixxu li jitqiegħed l-ewwel eżatt kif isir fil-karta taċ-ĊES."*

## Erba' titli biss

Fit-taqsima tal-komponiment dejjem ikun hemm l-għażla. Biex inkunu validi mija fil-mija rridu nagħtu titlu wieħed u jagħmlu kulħadd, iżda għadna ma wasalniex għal din it-tip ta' prattika.

L-għażla trid tkun bejn ġeneri differenti, il-ġeneri li l-istudenti tħarrġu fihom matul is-sena. Mhuwiex tajjeb u ġust li l-erba' titli jkunu kollha narrattivi. L-istudenti għandu jingħatalhom iċ-ċans li jagħżlu ġeneru ta' kitba li jħossuhom tajbin fih u jistgħu juru l-abbiltà u l-kreattività tagħhom.

## It-Taħriġ il-Fehem

Is-silta trid tkun madwar 250 - 300 kelma. Mhux inqas minn 250. Il-kitba tas-silta tkun fattwali u mhux letterarja. Fl-aħħar tas-silta jitniżżel is-sors minn fejn ittieħdet. Is-silta tista' tiġi adattata apposta għall-iskop tal-eżami.

Jingħataw 6 mistoqsijiet.

Erba' mistoqsijiet ikunu referenzjali – jiġifieri t-tweġiba jsibuha miktuba iswed fuq l-abjad mis-silta.

Żewġ mistoqsijiet inferenzjali – jiġifieri t-tweġiba jsibuha fis-silta imma jridu jużaw moħħhom għax ma tkunx miktuba direttament. Iridu jirraġunaw biex jaslu għat-tweġiba.

Waħda mill-mistoqsijiet tista' tkun b'għażla multipla.

## Għarfien il-Lingwa

Din is-sezzjoni hija importanti ħafna. Fiha l-istudenti jiġu ttestjati fuq il-vokabularju u fuq kemm fehmu frażijiet idjomatiċi mis-silta.

Is-sezzjoni tista' tinqasam fi tnejn. Fl-ewwel parti l-istudenti jispjegaw ċerti frażijiet mis-silta li jkunu mmarkati bil-lest fis-silta stess. Fit-tieni parti jingħataw kliem u huma jridu jsibu sinonimi mis-silta.

## Ma nagħtux ħafna *items* mill-istess topik grammatikali

F'kull karta ngħatat il-grammatika. Jidher li l-grammatika għadha tingħata importanza kbira fit-tagħlim tal-Malti. Li nnutajna huwa r-ripetizzjoni fl-ammont ta' mistoqsijiet fuq l-istess topik grammatikali. Pereżempju 15-il marka fuq l-aġġettivi. Għandu jkun hemm tfassil aħjar f'din is-sezzjoni. Jekk qed jingħataw 16-il marka, għandu jkun hemm kemm jista' jkun varjetà fit-topiks b'tali mod li jiġu koperti t-topiks kollha li saru matul is-sena. Jekk jingħataw ħafna mistoqsijiet fuq l-istess topik, inkunu qed "naħlu" l-marki.

## Il-Hila fil-Malti Komunikattiv

Innutajna li xi wħud jagħtu l-istruzzjoni biex jiktbu madwar 30 sa 50 kelma. Veru li f'dan l-eżerċizzju nkunu qed nassessjaw il-kitba fil-qosor imma 30 kelma huma ftit wisq. L-aħjar jiktbu madwar 80 kelma.

Jekk tingħata l-għażla, l-aħjar li l-għażla tkun bejn żewġ mistoqsijiet tal-istess ġeneru, pereżempju bejn żewġ ittri. Jekk se tingħata ittra, iridu jingħataw l-indirizzi u l-isem fittizju ta' min qed jikteb l-ittra.

## Indaħħlu taqsima tal-idjomi?

F'xi karti osservajna s-sezzjoni tal-idjomi u l-qwiel. Nissuġġerixxu li ladarba qed tingħata karta waħda, din is-sezzjoni tista' ma tingħatax u jingħataw marki għal Malti idjomatiku mis-sezzjonijiet tal-kitba. Dan anke biex jingħataw aktar spazju lis-sezzjonijiet tal-Poeżija u tal-Proża.

## Minn liema poeżija hi meħuda din is-silta u x'jismu l-poeta?

L-eżami tal-Malti mhuwiex eżami ta' memorja u l-għan tat-tagħlim tal-letteratura hu li l-istudenti jitgħallmu kif jagħmlu apprezzament ta' xogħol letterarju. Mela għandna nagħtu l-poeżija jew silta minnha fil-karta u sett ta' mistoqsijiet dwarha. Jekk nagħtu biċċa minnha nistaqsu fuq dik il-biċċa biss. Ma nixtiqux naraw sensiela ta' mistoqsijiet li jfakkruna f'xi kwizz fuq it-televixin li jitolbu l-ħila tal-memorja. Tkun ħasra jekk aħna bħala għalliema nittrattaw il-letteratura b'dan il-mod.

Dan jgħodd ukoll għall-proża. Il-biċċa l-kbira tal-karti tal-eżamijiet li rajna kollha jistaqsu dwar x'ġara fl-istorja, fejn marru t-tfal, x'qal il-karattru meta spiċċa fit-tali sitwazzjoni, x'ġara wara li ħarġu mill-għar, kif kienet ir-reazzjoni. Saħansitra rajna karti fejn jingħataw kwotazzjoni tad-diskors dirett u l-istudenti jridu jidentifikaw min qal xiex. Din hija l-kritika li qed nistennew mill-istudenti? Fil-verità dawn il-mistoqsijiet ma jitolbux il-ħila tal-analiżi imma pappagalliżmu ta' x'kiteb l-awtur. Iktar ma l-għalliema jibbażaw fuq il-memorja tal-istudenti iktar qed inġiegħlu lit-tfal jobogħdu s-suġġett. Aħna żguri li wara li jgħaddi l-eżami jinsew kollox għax mhux qed ngħallmuhom apprezzament tal-letteratura.

Minflok nistaqsu x'inhi similitudni, nistaqsu x'effett qed tħalli s-similitudni fil-poeżija jew għaliex il-poeta għamel użu mill-metafora fis-silta mogħtija fil-karta tal-eżami. Jista' jkun hemm mistoqsijiet li jitolbu osservazzjoni tal-vokabularju magħżul, l-atmosfera li qed tinħoloq permezz tal-vokabularju, it-ton tal-poeta, it-temi li joħorġu mill-versi, is-sens ta' mużikalità permezz tar-rima u x'effett qed toħloq, il-ħsejjes li jisimgħu matul il-qari.

Il-mistoqsijiet fil-proża m'għandhomx ikunu marbutin biss man-nisġa imma wkoll mat-teknika, bħall-irwol tan-narratur – min qed jirrakkonta l-istorja? X'effett qed iħalli n-narratur fuq l-impressjoni tal-qarrej dwar dak li qed jiġri? X'inhu t-ton, it-tip ta' vokabularju użat, il-karattri fl-istorja u kif joħorġu mill-qagħdiet li jsibu ruħhom fihom.

Dawn it-tip ta' mistoqsijiet iridu jkunu diġà ġew diskussi fil-klassi. Huma jridu jakkwistaw il-ħila tal-osservazzjoni u jakkwistaw il-ħila tat-tfittxija ta' dawn il-karatteristiċi fix-xogħol letterarju. Sal-aħħar tas-sena jridu jkunu kapaċi jisiltuhom permezz ta' dawn il-mistoqsijiet. Dan it-tip ta' xogħol ikun qed iħejji t-triq għas-snin ta' wara.

Nissuġġerixxu li l-mistoqsijiet fuq il-letteratura, kemm poeżija kif ukoll proża, ikunu gradati bil-mistoqsijiet fil-bidu li jkunu jintlaħqu minn kulħadd għal tip ta' mistoqsijiet li jkunu iżjed impenjattivi u jinvolvu l-ħila fil-kritika.

## X'nixtiequ aħna?

Ilna dawn l-aħħar ħames snin naraw karti tal-eżamijiet, noffru l-gwida tagħna u nagħtu suġġerimenti. Ċerti karti tal-eżamijiet għadhom neqsin mil-livell li nixtiequ naraw, livell li jassigura validità u livell li jagħmel ġustizzja mal-istudenti. Nittamaw li dan l-isforz narawh mill-għalliema kollha.

**"Jekk l-eżami jkun imfassal tajjeb u jkun jirrifletti l-għanijiet tal-kors, dan iħeġġeġ it-tagħlim." (Wiersma & Jurs, 1990)**

Claire Zerafa – Phyllis Debono
Kapijiet tad-Dipartiment tal-Malti
Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika